MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Numru. 1083/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**

**KONTRA**

**BRIAN AZZOPARDI iben George u Tarcisia nee' Stellini, imwieled Floriana nhar it-23.12.1961, residenti fil-fond numru 6, Triq is-Sliem, Marsascala, detentur tal-karta tal-identita' numru 42062M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Brian Azzopardi** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-12 ta' Ottubru, 2006, u matul l-ahhar erba' snin qabel din id-data:

1. Biegh jew xort'ohra ttraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza, u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat il-Kontro Ordni tal-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet il-provi kollha.

Ikkunsidrat:

Illi fix-xhieda tieghu l-Ispettur Pierre Grech spjega dwar informazzjoni li kienet irceviet il-pulizija u t-tfittxija li saret fuq l-imputat u d-dar tieghu. Ezebixxa l-istqarrija rilaxxata mill-imputat, Dok BA folio 18.

PC 599 Clive Mangion xehed illi flimkien ma' pulizija ohra marru jinvestigaw lill-imputat, sabu lil Brian Azzopardi jitkellem ma' wiehed fil-karozza, certu Marcel Mizzi li kien fil-vettura MIZ999. Xehed illi saret tfittxija fuq it-tnejn. Instabu ammont ta' flus fuq Brian Azzopardi, u fuq il-persuna ta' Marcel Mizzi nstabet fil-but tax-xellug bicctejn raza tal-cannabis li kienu mrembla gol-stretch and seal. Marru wkoll id-dar tal-imputat u PC 47 xehed illi l-istess imputat kien qallhom li kellu d-droga fil-kamra tas-sodda. Hemm l-imputat uriehom kaxxa bajda li kien fiha qisha sapuna raza tal-cannabis nieqsa xi bicciet. Kien hemm ukoll fuq il-komodina sikkina mahruqa kif ukoll flus kontanti. Go kexxun fl-istess kamra xehed illi sab ukoll kaxxa qisha tad-deheb b'xi bicciet tar-raza go fiha wkoll. Xehed ukoll illi fil-kamra kien hemm hajt tal-gypsum, u warajh qalb il-hwejjeg kien hemm basket li kien fih madwar Lm3,000.00 go fih. Fil-kcina nstabu pakkett tas-sigaretti li go fih ukoll kien hemm bicca raza tal-cannabis,

kif ukoll fil-kamra tas-sodda fejn instabet il-blokka tal-cannabis, mizien elettroniku fuq is-sodda.

Anke PC 1213 Carlos Axisa wkoll xehed dwar il-fatt illi assista ghal tfittxija fuq il-persuna ta’ Brian Azzopardi u li ma’ dan kien hemm Marcel Mizzi. Xehed illi fuq il-persuna ta’ Marcel Mizzi nstabu bicctejn raza cannabis.

WPC 86 Diane Fenech xehdet ukoll dwar tfittxija li saret, fejn instab certu Marcel Mizzi go Volkswagen bin-number plate MIZ999, dan kien hdejn l-imputat Brian Azzopardi. Xehdet illi hemm saret search fuq Marcel Mizzi li fil-but instabitlu bicca raza suspettata cannabis.

Minn naha tieghu PC 47 Christian Frendo xehed ukoll dwar id-droga misjuba fuq Marcel Mizzi, kif ukoll dwar tfittxija li saret fir-residenza tal-imputat. Qal illi kien hu li indika s-sapuna li kellu fil-kamra tas-sodda, fejn kien hemm ukoll sikkina. Qal illi kien hemm bott tal-gel Vision 2000 li kien fih xi flus go fih, kif ukoll illi fl-istess kamra xi ftit resin go kaxxa tad-deheb zghira. Xehed illi fl-istess kamra tas-sodda kien hemm ukoll mizien li jahdem bl-elettriku. Xehed illi fl-istess kamra kien hemm bieb li kien jaghti ghal walk-in wardrobe li go fiha kien hemm pakkett li kien fih ammont sostanzjali ta’ flus, kif ukoll illi fil-kcina nstab pakkett sigaretti li fih kellu bicca resin zghira.

Rigward il-flus xehed illi fil-but Azzopardi kellu bejn wiehed u iehor is-somma ta’ Lm120.00, waqt illi fil-bott tal-gel kellu xi mijiet, waqt illi fil-bakset tal-plastic li nstab fil-walk-in wardrobe kien hemm skondtu Lm2,000.00 zgur, b’kollox Lm3,000.00.

In kontro ezami kkonferma li waqt it-tfittxija Azzopardi kien qallhom li l-mizien kien, kif fehem hu, tat-tifla tieghu, ghalkemm gie suggerit lilu li kien tat-tfajla.

PC 599 Clive Mangion ikkonferma l-oggetti li gew elevati u kkonferma li l-imputat dwar il-mizien kien qallhom li kien tat-tifla. Xehed ukoll Mangion illi meta marru fuq il-post huwa ra lill-imputat hdejn vettura Volkswagen in-naha tax-xufier li kien certu Marcel Mizzi. Ikkonferma li fit-tfittxija

sabu zewg bicciet raza ghand Mizzi. Xehed ukoll li Azzopardi sabulu l-flus fil-but. Xehed fuq dak li nstab fir-residenza ta’ Azzopardi. Xehed illi fil-kcina nstabet bicca cannabis, kif ukoll illi minn jeddu fil-kamra tas-sodda tah kaxxa li kien fiha blokka. Xehed dwar is-sikkina mahruqa misjuba; dwar flus kontanti ukoll fuq l-istess komodina, kif ukoll dwar sejbien ta’ bicciet ta’ raza mremblin go stretch and seal; dwar il-bicca ta’ raza misjuba gol-kaxxa tad-deheb, u dwar il-mizien elettroniku u l-flus misjuba gol-closet.

L-Ispettur Pierre Grech ezebixxa aktar tard fil-proceduri mobiles elevati minn fuq il-post li fih saret it-tfittxija, kif ukoll ezebixxa lista tal-flus elevati. Ezebixxa wkoll tliet bicciet tal-karti  b’numri miktuba fuqhom.

Fir-rigward tal-mobiles elevati, gie mahtur l-espert Dr Martin Bajada li ezebixxa r-relazzjoni tieghu Dok MB. Fix-xhieda tieghu ghamel referenza ghal SMS misjuba fic-cellulari Samsung bin-numru 79206558, u cioe’ s-segwenti:

| # | Calling No | Date | Time | Message |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 79805991 | 11-Oct-06 | 11:02:20 | 150 for how much |
| 2 | 79805991 | 11-Oct-06 | 11:07:27 | For what a once |
| 3 | 79805991 | 11-Oct-06 | 11:15:41 | Ok mate get back to you in 5mins thx |
| 4 | 79805991 | 11-Oct-06 | 11:11:50 | Lm150 for 1 oz 22grm |

Il-mobiles ezaminati, cioe’ s-Samsung li fuqu nstabu l-messaggi estratti (ibid), u dak Sharp, kienu gew elevati mill-Ispettur Pierre Grech mir-residenza tal-imputati, Dok PG2.

Minn naha tieghu l-espert Mario Mifsud, fir-rigward tad-droga elevata, ikkonkluda hekk:
*“Li ma nstabux sustanzi llegali fuq il-mizien elettroniku li kien hemm fid-dokument 104/07/01;*

*Li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) fuq is-sikkina li kien hemm fid-dokument 104/07/03;*

*Li z-zewg blokki ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 104/07/06, f'ammont nett totali ta' 20.534grammi, instabu li kienu raza tal-pjanta tal-cannabis. Fuq il-label li kien hemm ma' dawn iz-zewg blokki ta' sustanza kannella kien hemm l-isem u l-kunjom ta' Marcell Mizzi. F'dawn il-blokki ta' sustanza kannella nstabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'ammont medju ta' circa 8.47%. Ir-raza tal-pjanta tal-cannabis, hija kkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Li l-blokki kollha u l-bicciet ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 104/07/02, 04 u 05 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 190.996, instabu li kienu raza tal-pjanta tal-cannabis. F'dawn il-blokki u l-bicciet ta' sustanza kannella nstabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC) f'ammont medju ta' circa 8.89%.*

*Il-blokki u l-bicciet ta' sustanza kannella, li nstabu li kienu raza tal-pjanta tal-cannabis, li kien hemm fid-dokument 104/07/02, 04 sa 06 rispettivament, f'ammont nett totali ta' 211.530 grammi, huma kkontrollati bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Dwar il-valur tad-droga, qal illi tali valur fil-lira Maltija kien ta' Lm544.55, konvertiti f'Ewro ghall-ammont ta' €1,169.18, folio 218.

Ingab jixhed ukoll Marcel Mizzi. Ikkonferma li hu gie arrestat meta Brian hareg ikellmu hdejn il-karozza tieghu mentri hu kien fil-vettura. Qal illi hu ghand Brian mar ghax kien qieghed ihossu stressjat u xtaq jipprova ftit cannabis. Qal illi hu lil Brian Azzopardi kien jafu mill-hanut tieghu fejn skondtu kien gie d-diskors fuq dawn l-affarijiet, u Azzopardi kien qallu li kien ser jaghtih bicca, u ghalhekk mar ghandu ghal bicca. Qal illi ghalhekk kien tah bicctejn zghar cannabis, b'xejn. Dan ghaliex Azzopardi kien klijent

tieghu, kien jaqdieh fix-xoghol fil-konfront tal-computer. Ikkonferma li dawk il-bicctejn resin li sabu fuqu l-pulizija kien tahomlu l-imputat.

Xehed illi hu u l-imputat kienu qed jitkellmu fuq dan is-suggett, li hu kien qieghed jaqra li hawn minn jippruvaha (il-cannabis) ghall-istess, u gie d-diskors. Staqsieh u qallu li kien ser jaqdieh. Xehed illi fl-ebda mument ma talbu flus. Xehed (aktar tard) illi hu u l-imputat kienu tkellmu hafna drabi fuq is-suggett tad-droga stante li l-imputat kien ikun ta' spiss ghandu biex jaralu l-computer, dan ghax ix-xhud kien ibaghti biex jorqod. Qal illi hu kien jaf "……through xi haddiehor" (folio 230) li seta' jgib id-droga minghand l-imputat.

In kontro ezami xehed u kkonferma li Azzopardi offrielu d-droga milli jkollu d-dar, u li qatt ma dahlu f'diskussjoni fuqu xiri. Innega li hu qatt mar ghand Azzopardi u tkellmu fuq resin tal-cannabis. Dwar ftehim fuq ir-resin misjuba fuqu, xehed illi kien ghaddej minn hdejn Azzopardi u li ftit qabel kien cempillu biex imur jara l-computer. Xehed illi ma' Brian ma kinx daqshekk habib, u li kien icempillu biss minhabba x-xoghol.

Kif gia' premess, il-Prosekuzzjoni ezebiet ukoll l-istqarrija tal-imputat, mehuda taht ir-regime legali vigenti fis-sena 2006, cioe' bla ghoti ta' dritt tal-assistenza legali. F'din spjega li hu kien ipejjep cannabis biss u sigaretti. Ammeta fl-istess li f'daru kienet instabet id-droga ghandu, liema droga gia' saret ampja referenza ghaliha.

Dwar il-flus misjuba, spjega li dawk kien gabhom mix-xoghol tal-injam u minn xoghol li kien igib minn fuq E-bay u jbiegh l-istess. Qal illi hu kien jippreferi jzomm il-flus id-dar mhux iqieghdhom il-bank. Qal illi fil-fatt il-loan kien ihallasha hu ghalkemm il-paga kienet tidhol il-bank. Innega li dawk il-flus hu kien gabhom mill-biegh tad-droga. Qal fl-istess stqarrija li hu kien jaf lil Marcel Mizzi ghax kien imur ghandu jirrangalu l-computer. Qal illi l-mobile numbers tieghu huma 79206558, 99800609 u tad-dar 21636120.
Ammetta li kellu l-vizzju li jpejjep il-cannabis.

In difesa xehdet Gretha Buttigieg li tigi t-tfajla tal-imputat. Xehdet illi kienet ilha mal-imputat ghal sitt snin u kienu jghixu flimkien. Xehdet illi hu kien separat u hi kienet single, u li maghhom kienu jghixu anke t-tfal tal-imputat. Xehdet illi qabel ma dahlu fil-kamra tas-sodda l-pulizija, fuq is-sodda halliet basket taghha ghax dak iz-zmien kienet l-MCAST u kellha fih l-affarijiet tax-xaghar. Qalet illi hi kienet qed tiehu kors tal-hair dressing. Dwar il-basket qalet illi kien fih mizien li haduh il-pulizija. Spjegat illi kienet xtrat dan minn pet shop biex tizen iz-zebgha fuqu, stante li kienet qed titghallem ghal hair dresser. Qalet ukoll illi l-pulizija hadu mill-kcina taghhom stretch and seal li jintuza fil-kcina, ir-romblu. Dwar il-flus misjuba, xehdet illi Brian l-imputat kien hadem ghalihom, qalet illi dawn kien iwarrabhom go bott biex xi darba jixtri karozza ghax ma ridx ihallihom il-bank gialadarba kellu l-problemi mal-mara. Xehdet illi kien faddal zgur Lm3,000.00. Qalet illi Marcel kienet tafu bhala t-technician tal-computer, u li f'sentejn mar ghandhom darbtejn jew tlieta. Xehdet illi ghandhom kienu jmorru ftit nies, forsi xi koppja mistednin ghal drink, ma kinx hemm nies dehlin u hergin. Dwar il-vizzju tal-imputat li jpejjep il-cannabis, xehdet illi quddiemha Brian dan qatt ma ghamlu. Xehdet ukoll illi fiz-zmien illi huma kienu flimkien, Brian dejjem hadem, u li x-xoghol ta' mastsrudaxxa kien jaghmlu wara x-xoghol fiss li kellu mal-Enemalta. Dan ix-xoghol ta' mastrudaxxa kien li jaghmel kcejjen u kmamar tas-sodda, cioe' qablet illi kien ta' certu portata. In kontro ezami baqghet insistenti li Brian quddiemha qatt ma ghamel xejn u li qatt ma rat is-sustanza llegali li sabu l-pulizija. Xehdet u ezebiet varji skizzi ta' ghamara li ghamel l-imputat, ghalkemm pero dawn baqghu ma dahlux fl-atti.

Id-Difiza tellghet jixhed ukoll lil Dr Joseph Tonna, it-tabib privat tal-imputat, li kkonferma li dan kien mar ghandu fis-7 ta' Jannar, 2007. Qal illi kien tah kalmanti Lorazapam, li kienet "an urgent prescription" (folio 288). Qal illi Brian kellu bzonn din l-urgenza minhabba l-istat ta' ansjeta' li kien ghaddej minnu. Xehed ukoll illi Brian kien qallu li kien juza l-cannabis frekwentement. Ikkonferma li l-cannabis kienet forma ta' kalmant.

Aktar tard fil-mori tal-proceduri, id-Difiza f'isem l-imputat irregistrat ammissjoni ghat-tieni mputazzjoni, u cioe' limitatament ghall-pussess semplici. Talbet li jigi redatt Pre-Sentencing Report, li fil-fatt gie prezentat bhala Social Inquiry Report in vista' tal-ammissjoni kwalifikata.

Rat ghalhekk Dok SL (folio 300 et seq), b'mod partikolari l-ahhar paragrafu tas-sommarju tal-istess.
L-istess Ufficjal tal-Probation, Saviour Lia, xehed illi hu biex jirredigi s-Social Inquiry Report kien segwa lill-imputat mill-20 ta' Lulju, 2011 sat-18 ta' Ottubru, 2011. Matul dan il-perjodu kien iltaqa' ma' Brian Azzopardi hames darbiet u kien anke dan f'zewg okkazjonijiet issottometta ruhu ghal testijiet ta' urina li rrizultaw dejjem fin-negattiv, dan bla pre-avviz. Ikkonferma wkoll dan Lia, wara li kien tkellem mat-Tabib Tonna, li Tonna kien qallu li l-imputat kien qallu dwar il-problema li kellu bil-cannabis u l-ansjeta', u li kien anke dan irreferieh ghall-kalmanti.

Gie anke fuq talba tad-Difiza, miftuh l-ezebit 104/07/01, li kien l-electronic kitchen scales ezebit tad-ditta Slater, li kien jaqra bi precizjoni sa grams u mhux inqas (folio 321).

Maghluqa l-provi, semghet it-trattazzjonijiet u kkunsidrat.

Illi kif gia' premess, l-imputat ammetta ghat-tieni akkuza ta' pussess semplici. Dan in vista' tad-droga misjuba ghandu mhux messo in dubbio. Id-Difiza minn naha taghha targumenta li vera l-imputat forna d-droga lil Marcel Mizzi, pero stante li dan il-forniment gara ghax hekk jirrizulta mill-provi, f'okkazjoni wahda, allura l-istess traffikar u l-pussess aggravat huma ta' natura minima. Anke dan ghall-fatt li tali forniment sar bla hlas.

Mill-atti jirrizulta li ghand l-imputat instabet it-THC, cannabis fl-ammont ta' 20.534grammi, u bicciet zghar tar-raza tal-pjanta tal-cannabis.
Irrizulta li dawn kienu tal-imputat. Instabet sikkina mittiefsa b'din is-sustanza u l-mizien li fuqu ma nstabu ebda tracci llegali.

L-ammont ta’ din id-droga bl-imnut kien €1,269.18 jew Lm544.55.

Certament din is-sejba harget cara mix-xhieda tal-pulizija kif riprodotta. Daqstant kienet cara x-xhieda tal-pulizija fil-konfront tac-cirkostanzi li fihom gie maqbud u mwaqqaf Marcel Mizzi.

L-istess Marcel Mizzi xehed illi hu kien fil-fatt gie moghti l-bicctejn raza tal-cannabis misjuba fuqu mill-istess imputat, u dan bla flus wara li kellhom diversi konversazzjonijiet dwar dan. Kien sema’ li Azzopardi kellu din is-sustanza.

Id-Difiza ghalhekk issostni li ghajr ghal din ic-cirkostanza, ma rrizultaw ebda provi ohra mill-atti ta’ xi forniment iehor minn naha tal-imputat. Anzi gab anke prova (xhieda ta’ Gretha Buttigieg) illi l-mizien misjub kien jintuza minn Gretha biex tizen iz-zebgha tax-xaghar, u li l-flus misjuba ghand l-imputat kienu frott ta’ xogholu iebes, inkluz part-time ta’ mastrudaxxa u minnu mfaddlin.

In parte l-Qorti tista’ taccetta dan. M’ghandhix dubju li Buttigieg setghet kienet qed taghmel kors ta’ hair dressing, li forsi kellha ghalhekk bzonn mizien (ghalkemm s’issa qatt ma skontrat sitwazzjonijiet fejn ghandha bzonn tigi hekk imwizna zebgha tax-xaghar), anke li l-akkuzat kien jaghmel xoghol ta’ mastrudaxxa, stante ghall-kontenut tal-garaxx. Taccetta wkoll il-Qorti l-verzjoni li Marcel Mizzi rcieva l-bicctejn raza minghand l-imputat, **pero (enfasi tal-Qorti)** jibqaghlha diffikulta’ kbira wahda li xxejjen it-tezi tad-Difiza.
Donnha id-Difiza skartat ghal kollox il-messaggi (SMSs) estratti minn Dr Martin Bajada minn cellulari misjuba, gia’ hawn fuq riprodotti. Dawn il-messaggi bla dubju ta’ xejn juru bic-car illi hemm “deals” ta’ droga li qed isiru versu prezz, sakemm id-Difiza ma tridx taghti xi interpretazzjoni ohra ghall-kliem “once” u l-espressjoni “Lm150 for 1oz 22grm” (folio 80, Dok MB).

Ghalhekk din il-Qorti ma tistax taccetta dak li ssottomettiet id-Difiza li dak li gara bejn l-imputat u Mizzi kienet okkazjoni ta’ darba, qisu l-imputat hass ghal Mizzi u

b'attakk ta' generosita' kbira tah b'xejn bicctejn raza. Taccetta l-Qorti dak li xehed Dr Tonna, cioe' li l-imputat seta' kien qieghed juza l-cannabis bhala kalmant, pero dan kollu ma jeskludix dak li kjarament juru l-SMSs hawn fuq riprodotti.

Ghaldaqstant din il-Qorti, qieghda ssib htija ghaz-zewg akkuzi kif dedotti, b'dan illi t-tieni akkuza tqisha assorbita fl-ewwel akkuza, u dan wara li rat l-Artikoli 8, 22(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, tenut dak kollu premess, tikkundanna lill-imputat ghal piena ta' habs ghal zmien 3 snin u ghal multa ta' €4,000

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u tikkundanna lill-imputat ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' €1,549.20

Il-Qorti tordna wkoll li tigi konfiskata biss is-somma ta' Lm120.00 misjuba fil-but tal-imputat, in vista' ta' dak riprodott fl-SMSs.

Mhix qed tordna l-konfiska tal-flus l-ohra biss ghaliex hi probabbli t-tezi tad-Difiza tat-tfaddil.

Tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha lilha ezebiti, u d-distruzzjoni tad-droga ezebita, liema ezebiti jgibu n-numri KA 236.2006(kaxxa tal-cling film; pakkett tas-sigaretti, karti tas-sigaretti, zewg lighters; 3 bicciet karti), KA272.2006(mobile Samsung + mobile Sharp), KB 24.2007(droga)

Tikkomunika din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------